**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 11 ta` Ottubru 2016**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**LAWRENCE DARMANIN**

**KUMP NRU 1261/2009**

**IL-QORTI;**

Rat li l-imputat Lawrence Darmanin, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 298873(M), gie akkuzat talli:

1. F' Novembru 2009, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u

disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' Intercomp Marketing Ltd, ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi approprijajt ruħek, billi dawwart bi profit għalik jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilek taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ghad-detriment ta' Intercomp Marketing Ltd, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali (a folio 5) tas-27 ta` Novembru 2009 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Irrizulta illi nhar it-3 ta` April 2008 l-imputat xtara zewg *laptops* minghad Intercomp Marketing Ltd u dana kif jirrizulta mill-*invoice* T90113 li tinsab *a folio* 26. Fl-istess gurnata l-imputat hallas bi flus kontanti s-somma ta` €158.83 bhala depozitu. Fl-istess gurnata wkoll l-imputat

iffirma dokument – *standing order form* – fejn fih intrabat li kien ser ihallas is-somma ta` €158.83 kull nhar l-10 tax-xahar, bl-ewwel pagament kellu jsehh nhar l-10 ta` Mejju 2008, u dana kollu kellu jsehh permezz ta` *direct debit* mill-kont tieghu u minnu indikat bin-numru 4001 5412 2326, favur il-kont indikat ta` Intercomp Marketing Ltd – ara dokument *a folio* 27. L-ahhar pagament kellu jsir fl-10 ta` Settembru 2009.

Wara li sar id-depozitu kif fuq imsemmi, gara illi s-sistema ta` l-istanding order ma jidhirx li hadmet, u dana peress illi l-imputat ma jidhirx li kien qed ikollu finanzjament mill-bank jew kif stqarr hu stess fl-istqarrija li kellu flus dovuti lilu li ma kinux qed jigu mhallsa. In effetti meta l-imputat intalab mill-Intercomp Marketing Ltd biex jonora l-hlas, fid-9 ta` Settembru 2008 huwa hallas bi flus kontanti is-somma ta` €794.15 bhala arretrati bejn Mejju u Settembru 2008.

Irrizulta illi l-kont 4001 5412 2326 kien business overdraft u l-firmatarju kien l-imputat. Dan il-kont kien ta` Office Repairs & Services Malta Ltd u nfetah fid-29/08/2006 u inghalaq fis-26/09/2008 billi nqaleb f'loan account. Il-preokkupazzjoni tal-Bank (BOV) kienet illi kien qed jinqabez il-limitu ta` €11,500 u ghalhekk meta l-izbilanc kien ta` €14,152.87 il-bank sab kompromess u l-kont inqaleb f'kont ta` *loan*.

Dan hu essenzjalment dak li rrizulta f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat;**

Fil-fehema ta` din il-Qorti mkien fl-atti ma jirrizultaw a sodisfazzjon tal-ligi l-elementi kostituttivi tar-reati addebitati taht l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-kodici kriminali.

Din il-Qorti rat numru sostanzjali ta` sentenzi in materja. Hawnhekk sejra tirriproduci dak migjub fis-sentenza tal-**Qorti ta` l-Appell Kriminali** tat-30 ta` Dicembru 2004 (App Nru **130/2003 VDG**) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmela German" :

In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby* li: **"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56)."**

Imkien mill-provi ma jirrizulta li xi hadd mis-socjeta` Intercomp Marketing Ltd gie b'xi mod ingannat. Il-prova ta` l-*undertaking* da parti ta` l-imputat li jhallas id-debitu bl-iskema ta` *standing order*, fiha nnifisha, ma jidhirx li kienet ir-raguni fundamentali li a bazi taghha s-socjeta` Intercomp Marketing Ltd bieghet u telqet il-*laptops* in kwistjoni mill-pussess taghha. L-iskema ta` li *standing orders* kienet *a mode of payment* li ried jaddotta l-imputat u meta dahal ghaliha, il-kont *de quo* kien kont miftuh bhala *business overdraft*.

Mill-provi mkien ma jirrizulta li l-bank ma onorax xi talba maghmulha mis-socjeta` Intercomp Marketing Ltd. Kull ma jirrizulta hu li l-bank ma kienetx qed toghogbu l-kwistjoni li l-limitu fil-kont kien qed jinqabez u allura l-bank ried li jaghlaq dan il-kont. In-nuqqas ta` hlas bil-mod kif miftiehem mill-imputat ma hux awtomatikament ekwivalenti ghall-ingann li l-ligi trid li jirrizulta biex l-ipotezi tal-ligi skond l-artikoli 308 u 309 tal-kap 9 jista jinghad li gew ippruvati.

La ma jirrizultax l-element ta` l-ingann da parti ta` l-imputat, huwa ma jistax jinstab hati ta` truffa jew ta` frodi innominata.

Kwantu ghall-approprijazzjoni indebita (inkluz dik aggravata), minghajr tigbid, din il-Qorti tiddikjara minnufih li mkien mill-atti ma jirrizultaw l-elementi kostituttivi tar-reat ta` approprijazzjoni indebita kif migjub fit-tieni imputazzjoni. Dan ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profit ghalieh jew ghal haddiehor.[1]

**Konkluzjoni;**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL LAWRENCE DARMANIN MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur

[1] Ara App. Krim VDG - 09/06/1998 "Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni";